**PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 1207/2020 MS*

**Martin Borg Nicholas Virtu**

**Vs.**

**Calamatta Cuschieri Investments Services Limited, u b’digriet tat-28 ta’ Jannar 2021, ġew kjamati in kawża Andrew Borg u Damien Borg[1], u b’digriet tat-23 ta’ Frar 2024, in segwitu tal-inabilitazzjoni ta’ Andrew Borg, l-Avukat Helen Caruana qed tassumi l-atti f’isem il-kjamat in kawża Andrew Borg limitatament fil-vesti tagħha ta’ kuratriċi**

Illum, 2 ta’ Ġunju 2025

Kawża Numru: 4

Il-Qorti,

[1] B’dikriet tal-4 ta’ Mejju 2022, l-ismijiet tal-kjamati in kawża – li kien oriġinarjament indikat bil-kunjom «Borg Nicholas» - ġie jaqra «Borg» biss.

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur fis-17 ta' Diċembru 2020, li bih wara li ppremetta dan li ġej:

> Illi l-esponenti huwa it-tifel tal-mejta Margueite Borg li mietet fil 21 ta' Lulju 2018;
>
> Illi ghal diversi snin minkejja li ghandu zewg hutu ohrajn u missiehom kien ilu seba' (7) snin mejjet l-esponenti kien il-wild li jiehu hsieb regolarment lill-ommu u jiggesixxi l-affarijiet taghha u dak kollu li kellha bzonn;
>
> L-esponenti kien imur izurha kulljum u, kien jixtriela l-ikel, medicina, kien ihallas ghall-ghjanuna ta' badanti (maid) li kienet tghix hemm u jhalsilha l-ikel u affarijiet ohrajn u kien jorqod ghand ommu minn zmien ghal zmien
>
> Illi ta dan ommu riedet tikkompensah billi kellha stocks shares u bonds gewwa diversi banek u mall-istock Exchange u riedet tghaddihomlu ara d-dokumenti ezebit Dok "A".
>
> Illi l-mejta ommu bdiet il-procedura billi iffirmat prokura fl-atti tan-Nutar Michel Dingli b'certifikat tat-tabib u dan sar fil-28 ta Mejju 2018 hawn anness u immarkat bhala dok C u D fejn tat l-fakulta lill-esponenti jibda l-procedura sabiex jitrasferixxi u jdawwar dawn l-istocks u shares hawn fuq imsemmija ghal fuqu;
>
> Illi l-esponenti bis-sahha tal-prokura inkariga lis-socjeta intimata Calmatta Cuschieri Investments Services Limited sabiex dawn is-shares, stocks u bonds jigu imdawra fuqu minn fuq isem ommu jigifieri ghal fuq isem l-esponenti. L-istess shares, stocks u bonds kienu gew eventwalment teasferiti mill-kont ta omm l-esponenti ghal fuq l-istess Calamatta Cuschieri Investments Services Lmited f'kont taghhom u dan fuq il-parir tal-kumpanija intimate stess ara Dok e u f;
>
> Illi dan sar f' Gunju 2018; fejn infethu zewg kontijiet wiehed fuq isem ommu illum mejta u l-iehor fuq isem l- esponenti fejn kellhom jingibdu fl-l-flus kolla minn ommu ghal fuq l-esponenti. Illi hu gie l,wieled li dan it-transfer kellu jsir.
>
> Illi bhala fatt gie miftuh nominee account fejn l-istocks shares u bonds gew trasferiti mill- l-Malta Stock Exchange ma Calamatta Cuschieri Investments Services Limited;
>
> Illi l-pass li jmiss kien li jigu trasferiti u ta dan l-esponenti kien gie assikurat li kollox ser isir u dan wara li taw idejn b'xulxien ma Andre Cauchi senior investment advisor fejn gie konkluz

> L-esponenti kien assigurat illi kollox kien ser jigi rasferit kif miftiehem;
>
> Illi ghadda zmien u omm l-esponenti mietet fil-21 ta' Lulju 2018 data li kienet tahbat qabel it-trasferiment relattix;
>
> Illi fil-f'nofs Ottubru tas-sena 2018 l-esponenti ircieva telefonata minn certu wahda Sonja impjegata tad-ditta intimate fejn talbet firma ohra minn ghand l-omm l-Illiesponenti pero l-omm l-esponenti kienet lahqet mietet u allura hadd ma seta jaghmel din il-firma;
>
> Illi dan huwa traskuragni ezagerat u nuqqas professkonali tad-dmirijiet tas-socjeta intimata li minhabba d-dewmien ezegarat u bla bzonn ma giex trasferit il-flus a skapitu tal-esponenti u ma gewx ezegwiti l-ordnijiet tal-omm u dan interalia bi ksur ta' l-obbligi ukoll fiducjatji rivestiti fil-kumpanija intimate.;

huwa talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-ordnijiet jew il-provvedimenti kollha meħtieġa, jogħġobha:

> 1. Fl-ewwel lok is-socjeta ntimata tigi ordnata li ssegwi l-ordnijiet tal-omm l-attur, illum d-defunta Marguerita Borg;
>
> 2 Fit-tieni lok u alternativament jekk l-ewwel talba ma tigiex akkolta, is-socjeta intimata tigi dikjarata inadempjenti traskurata u/jew negligenti ta' l-ghamil u ta l-obbligi (fosthom fiducjarji) taghha ossia n-nuqqas taghha li diligentement u tempestivament twettaq l-istruzzjonijiet lilha moghtija skond il-modalita jew modalitajiet miftehma bejn il-partijiet;
>
> 3. Is-socjeta intimata tigi kkundannata thallas lill-esponenti d- danni kollha subiti f'ammont li ghad irid jigi kwantifikat minhabba l-inadempjenza, t-traskutragin, n-negligenza, u t-terdivita ta-esegwibilita ta' l- istruzzjonijietit.
>
> 4. Tordna lis-socjeta intimate li thallas lis-somma hekk likwidata u dikjarata bhala lilu dovuta
>
> 5.biex il-Qorti taghti dawk ir-rimedji kollha relattivi u applikabbl ghal kaz in vista tat-talbiet fuq dedotti
>
> Bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta li hi minn issa ingunt ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kwalsiasi azzjoni ohra spettanti u/jew li tikkompeti lill-attur kontra l-istess konvenuta.

2. Rat ir-risposta ġuramentata li ġiet preżentata mis-soċjetà konvenuta fit-28 ta' Jannar 2021, u li permezz tagħha ġew sollevati l-eċċezzjonijiet li ġejjin:

1.Illi preliminarjament, wara l-mewt t'ommu Marguerite Borg, ir-rikorrent kien diga' ressaq kawża b-ilment quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fl-istess ismijiet premessi u fuq l-istess mertu ta' din il-kawża ('Dok CC1'), fejn l-Arbitru f'dak il-każ iddeċieda dwar l-illegitimita' tal-persuna tar-rikorrent ('Dok CC2'). Ma nbidel assolutament xejn minn dak in-nhar tad-deċiżjoni tal-Arbirtu li minnha ma kien hemm ebda appell u kwindi, kif ġie deċiż dahinhar hekk, umilment għandu jiġi deċiż preliminarjament f'din il-kawża ossija li r-rikorrent m'għandux il-locus standi rikjest sabiex iressaq din il-kawża;

2.Illi ukoll in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost u għall-eċċezzjonijiet li jsegwu, il-ġudizzju propost f'din il-kawża mhux integru. Hekk kif huwa ammess mir-rikorrent innifsu, l-investimenti kienu miżmuma direttament minn ommu Marguerite Borg f'isimha propju mal-Borża ta' Malta, u sussegwentement taħt arrangament nominee b'kont miftuħ mas-soċjeta konvenuta fl-4 Ġunju 2018. Ftit wara, cioe' fl-20 ta' Lulju 2018, mietet Marguerite Borg, biex b'hekk, l-istess portafoll ta' investimenti intirtu mill-eredi universali testamentarji ('Dok CC3') tal-istess defunta li huma Damien Borg Nicolas, Andrew Borg Nicolas u r-rikorrent, u għalhekk fin-nuqqas tal-istess Damien u Andrew ahwa Borg Nicolas din il-proċedura tonqos mill-integrita' tagħha u għandhom l-ewwel jiġu kjamati f'din il-kawża biex b'hekk din il-Qorti tisma' dak li għandhom jgħidu dwar il- pretenzjoni rikorrenti fuq l-istess portafoll ta' investimenti;

3.Illi dejjem in linea preliminari, mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet f'din it-tweġiba u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet kollha li jsegwu, it-tieni, it-tielet, u r-raba' talbiet tar-rikorrent attur huma preskritti bis-saħħa tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili (Kap.16) tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk dawn l-istess talbiet għandhom jiġu michuda bl- ispejjez kontra r-rikorrent;

4.Illi subordinament fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost u għall-eċċezzjonijiet li jsegwu, l-ewwel talba rikorrenti ma tistax tintlaqa' minn din il-Qorti billi l-ordnijiet ta' l-omm l-attur mhumiex magħrufa mis-soċjeta' konvenuta u ma jirriżultaw minn imkien ħlief mill-attur innifsu li kien qiegħed jittranżatta akkont tiegħu innifsu, u għalhekk l-istess l- ewwel talba għandha tiġi michuda bl-ispejjez kontra l-attur rikorrent;

5.Illi ukoll subordinatament fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit u għall- eċċezzjonijiet li jsegwu, il-ħames talba attriċi lanqas ma hija akkolljabbli minn din il-Qorti billi hija generika wisq biex is-soċjeta esponenti konvenuta tiddifendi lilha nnfisha fil- konfront tagħha, u għalhekk anke

din l-aħħar ħames talba għandha tiġi michuda minn din il-Qorti bl-ispejjez kontra l-attur rikorrent;

6.Illi subordinatament fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit, meta s-soċjeta' esponenti konvenuta irriżultalha illi: (i) r-rikorrent kien qiegħed jittranżatta akkont u għab- benefiċju tiegħu stess bil-prokura t'ommu; (ii) sabiex jiġu trasferiti l-investimenti minn fuq il-kont f'isem il-mejta Marguerite Borg għal fuq il-kont f'isem ir-rikorrent propio, ma kienet meħtieġa ebda prokura lilu minn ommu, iżda sempliċiment strument ta' trasferiment lilu iffirmat minnha; u (iii) dan kollu kien qiegħed jiġri minkejja li l-attur innifsu, meta iffirma n-'Nominee Transfer Form CCE-Form9' ('Dok CC4') bħala mandatarju ġenerali t'ommu, iffirma dikjarazzjoni li "there will be no change in beneficial ownership of the securities", prudenzjalment u b'kawtela kif ukoll in ezekuzzjoni tal-obbligi fiduċjarji li l-esponenti konvenuta għandha lejn il-klijenti tagħha, intalbet il-firma tal-istess Marguerite Borg, attestata b'firma ta' xhud, b'konferma tat-talba tal-attur rikorrent għat-trasferiment tal-portafol tagħha fuqu personalment. Avvenimenti sussegwenti jikkonfermaw l-għaqal u d- diligenza li biha mxiet is-soċjeta' esponenti konvenuta. Jekk illum il-ġurnata, hut ir- rikorrent attur li huma l-eredi universali t'ommu, jagħtu l-kunsens għal dan it-trasferiment, is-soċjeta' esponenti konvenuta tgħaddi biex teżegwixxi tali trasferiment, iżda f'daik il-każ s-soċjeta esponenti konvenuta m'għandhiex tbagħti spejjez;

7.Illi mingħajr pregudizju għas-suespost, it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-allegazzjonijiet fil-konfront tagħha huma respinti bil-qawwa, billi s-soċjeta' esponenti konvenuta qatt ma naqset mill-obbligi tagħha kemm regolatorji kif ukoll legali u fiduċjarji lejn il-klijenta tagħhom, il-mejta Marguerite Borg, iżda għal kuntrarju, dejjem mxiet skont dak mistenni minnha skont il-liġi u r-regolamenti applikabbli kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt is-smiegħ ta' din il-kawza;

8.Illi għaldaqstant, it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu michuda fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kontra l-attur rikorrenti, billi qiegħed dejjem aktar jidher illi dawn il-proċeduri mhumiex ħlief attentat sabiex ir-rikorrent jerġa jiftaħ il-każ li tilef quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji bit-tama li jevadi id-disposizzjonijiet testamentarji tal-mejta ommu;

9.Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mill-liġi;

3. Rat illi b'dikriet mogħti *ex officio* fit-28 ta' Jannar 2021[2], din il-Qorti kif diversament presjeduta sejħet fil-kawża lil Andrew Borg Nicholas u lil Damian Borg Nicholas;

4. Rat is-sentenza mogħtija fil-15 ta' Ġunju 2023[3], li biha din il-Qorti, kif diversament presjeduta, sabet li l-kjamat fil-kawża Damian Borg kien iġġustifika l-kontumaċja tiegħu u tagħtu għalhekk żmien biex iressaq risposta ġuramentata, fost provvedimenti oħrajn;

5. Rat ir-risposta ġuramentata tal-kjamat fil-kawża Damian Borg preżentata fl-4 ta' Lulju 2023[4], li biha huwa eċċepixxa kif ġej:

> 1. Illi l-esponent qiegħed iressaq ir-risposta guramentata odjerna wara li ġie awtorizzat permezz tas-sentenza preliminari ta' din l-Onorabbli Qorti tal-15 ta' Ġunju, 2023;
>
> 2. Illi qabel xejn l-attur għandu jiddikjara a bażi ta' liem disposizzjoni legali qiegħed iressaq il-pretensjonijiet tiegħu u a bażi ta' liema disposizzjoni fil-liġi qiegħed jippretendi illi għandu dritt assolut fuq l-istocks u shares miżmuma mis-soċjeta' intimata;
>
> 3. Illi inoltre, in linea preliminari, qed jiġi eċċepit illi l-attur ma għandu ebda locus standi fil-proċeduri odjerni kif istitwiti u dan in vista tad-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji tas-6 ta' Frar 2019 fl-ismijiet Martin Borg Nicolas Virtu bin-numru tal- karta tal-identita' 9566(M) vs. Calamatta Cuschieri Investment Services Limited (C13729), liema deċiżjoni ma ġietx appellata u f'liema deċiżjoni ġie ddikjarat u deċiż illi l-attur ma kienx "konsumatur ta' provditur tas-servizzi finanzjarji" u għalhekk ma għandu ebda jedd illi jikseb dikjarazzjoni fil-konfront tiegħu fuq l-istocks u shares miżmuma mis-soċjeta' intimata;
>
> 4. Illi, ukoll in linea preliminari, il-proċeduri odjerni huma nulli u l-premessi huma konfliġġenti mat-talbiet in kwantu l-fatti esposti fil-premessi tar-Rikors Ġuramentat huma bbażati fuq il-prokura ġenerali mogħtija minn Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu' lill-attur, filwaqt li l-attur qiegħed iressaq ir-reklamijiet tiegħu f'ismu personali;

[2] Fol.19.
[3] Fol.178.
[4] Fol.185.

5. Illi, b'żieda mas-suespost, l-esponent f'kull każ ma humiex il-leġġittimu kontradittur fil- proċeduri odjerni in kwantu jekk kellhu jirriżulta xi nuqqas, tali nuqqas u ksur ta' obbligi fiduċjarji kif allegat mill-attur seħħu da parti tas-soċjeta' intimata u mhux minn. naħa tal-esponent;

6. Illi fil-mertu, l-esponenti jeċċepixxi illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid- dritt u għandhom jiġu michuda bl-ispejjeż kontra tiegħu;

7. Illi b'referenza għall-ewwel (1) premessa tar-Rikors Guramentat, din il-premessa hija żbaljata in kwantu omm l-esponent u l-attur mietet nhar l-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018), u mhux fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju kif premess mill-attur;

8. Illi b'referenza għal dak dikjarat fil-premessi numru tnejn (2) u tlieta (3), l-esponent jirrileva illi mhux minnu illi l-attur kien jieħu ħsieb lill-ommhom waħdu u lanqas ma kien jagħmel l-affarijiet li ppremetta li kien jagħmel matul il-ħajja ta' Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu';

9. Illi l-esponenti, flimkien mal-attur u ħuhom Andrew Borg sive Borg Nicolas, huma l- eredi universali tal-mejta ommhom Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu', li mietet nhar 1-20 ta' Lulju 2018, hekk kif jirriżulta ta' testment datat tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju, tas-sena elfejn u sbatax (2017) fl-atti tan-Nutar Michel Dingli, fejn l-istess Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu innominat lil uliedha Damian Borg sive Borg Nicolas, Andrew Borg sive Borg Nicolas u Martin Borg sive Borg Nicolas bħala l-eredi universali tagħha;

10. Illi għalhekk billi omm l-attur u l-esponent mietet qabel l-intavolar tal-proċeduri odjerni, l-attur ma għandux il-fakolta' fil-liġi illi jitlob f'ismu propju, illi jiġu mwettqa l-istruzzjonijiet tad-defunta Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu', u dan peress illi l-effett tal-prokura ġenerali ntemm mal-mewt tal-istess Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu';

11. Illi, inoltre, jiġi rilevat illi minn imkien fil-prokura ma jirriżultaw l-allegati struzzjonijiet li l-attur qiegħed jgħid li tagħat omm l-esponent u l-attur;

12. Illi f'kull każ hu risaput illi l-iskop li jingħata mandat huwa sabiex il-mandatarju jwettaq atti ta' amministrazzjoni f'isem il-mandant, u mhux biex il-mandatarju jaġixxi b'interess personali tiegħu, iktar u iktar meta dan ma jirriżultax mill-mandat;

13. Illi, se mai, l-attur kellhu jressaq il-proċeduri odjerni bħala eredi ta' Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu flimkien ma' ħutu - il-fatt illi l-attur eskluda lil żewġ ħutu mill-proċeduri odjerni għandu jkun ta' xhieda tan-natura

qarrieqa tal-proċeduri odjerni u tal-mod abbużiv kif l-attur aġixxa bħala mandatarju ta' ommhom permezz tal-prokura mogħtija lilu, in kwantu qatt ma ta rendikont veraċi tat-transazzjonijiet illi għamel bil- pretest li saru f'isem id-defunta Marguerite Borg;

14. Illi f'dan ir-rigward l-esponent qed jipprevalixxi ruħu mill-azzjoni tal-attur in via rikonvenzjonali peress li jeżistu ċ-ċirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

15. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

6. Rat illi flimkien mar-risposta ġuramentata tiegħu, il-kjamat fil-kawża Damian Borg ressaq ukoll rikonvenzjoni, li permezz tagħha, wara li ppremetta hekk:

1. Illi l-esponenti ġie kjamat in kawża permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 28 ta' Jannar 2021 u għaldaqstant għandu l-jedd li jinqeda b'kull benefiċċju illi l-liġi tagħti lill-konvenut ai termini tal-Artikolu 962 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponent qed jipprevalixxi ruħu mill-azzjoni tal-attur in via rikonvenzjonali peress li jeżistu ċ-ċirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Fatti**

3. Illi permezz ta' prokura ġenerali datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju, tas-sena elfejn u tmintax (2018), fl-atti tan-Nutar Michel Dingli, Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu, li tiġi omm l-esponent Damian Borġ u omm Andrew Borg sive Borg Nicolas, kif ukoll omm l-attur rikonvenzjonat Martin Borg sive Borg Nicolas, appuntat lill-attur rikonvenzjonat Martin Borg sive Borg Nicolas bħala l-mandatarju ġenerali tagħha, kopja tal-prokura qiegħdha tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A;

4. Illi l-istess Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu mietet nhar l-ghoxrin (20) ta' Lulju, tas-sena elfejn u tmintax (2018);

5. Illi permezz ta' testment datat tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju, tas-sena elfejn u sbatax (2017) fl-atti tan-Nutar Michel Dingli, l-istess Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu innominat lil uliedha Damian Borg, Andrew Borg sive Borg Nicolas u Martin Borg sive Borg Nicolas bħala l-eredi universali tagħha, kopja tat-testment qiegħda tiġi hawn anness u mmarkata bħala Dokument B;

6. Illi sussegwentement ir-rikonvenzjonant Damian Borg sive Borg Nicolas, permezz ta' dikjarazzjoni causa mortis magħmula nhar id-disgħa (9) ta' Lulju, tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-atti tan-Nutar Matthew Nicholas Borg, iddikjara l-assi ereditarji tad- defunta ommu Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu, kopja tad-dikjarazzjoni causa mortis qiegħdha tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument C;

7. Illi iżda l-attur rikonvenzjonant, wara l-mewt t'ommhom, qatt ma ta rendikont lill- esponenti qua eredi tal-imsemmija Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu tat-transazzjonijiet kollha li kienu qiegħdin isiru minnu bis-saħħa tal-prokura ġenerali;

8. Illi, l-esponent u ħuħ Andrew ġew mgħarrfa illi nhar il-ħamsa (5) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018), kien inħareġ cheque fl-ammont ta' tnax -il elf, mitejn u erbatax -il Ewro (€12,214) f'isem Margaret Borg, liema cheque gie ddepozitat f'kont bankarju tal-HSBC Bank Malta plc, mhux magħruf lill-esponenti;

9. Illi l-kont fejn ġie ddepozitat l-imsemmi cheque ma jirriżultax illi kien kont tal- imsemmija Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu u ta' dan id-depożitu l-attur rikonvenzjonat qatt ma ta spjegazzjoni;

10. Illi di piu', l-esponenti u ħuħ ġew mgħarrfa illi l-azzjonijiet u stocks t'ommu Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu, specifikament l-azzjonijiet ordinarji tal-Bank of Valletta plc tal-valur ta' tmint elef, ħames mija u sitta u tletin Ewro (€8,536) kif ukoll bonds tal- HSBC Bank Malta plc tal-valur ta' ħamest' elef u disa' mitt Ewro (€5,900) kienu ġew trasferiti u/jew likwidati nhar l-għaxra (10) ta' Lulju tal-elfejn u tmintax (2018) mill- attur rikonvenzjonat, u cioe' ftit jiem qabel il-mewt ta' ommhom, u dan mingħajr ma ngħata mill-istess tagħrif dwar l-imsemmi trasferiment u/jew likwidazzjoni;

11. Illi jirriżulta inoltre illi Margharet Maria Borg nee' Nicolas Virtu kienet benefiċċjarja ta' life policy li kellu żewġha Victor Borg, b'valur ta' mill-inqas tlieta u tletin elf Ewro (€33,000), u meta dan ġie nieqes u il-polza ssarfet, il-valur tagħha ġie kreditat f'kont bankarju lis-socjeta' intimata Nicolas Trading Limited, li tagħha l-attur rikonvenzjonat Martin Borg huwa l-uniku beneficial owner;

12. Illi sal-llum, l-esponenti għadhom sajma minn kull informazzjoni u ma jafux fejn gew ittrasferiti l-ammonti su referiti, minkejja illi huwa l-obbligu tal-attur rikonvenzjonat illi jagħti rendikont qua ex-mandatarju u fiduċjarju t'ommu Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu ai termini ta' Artikolu 1875 tal-Kodici Civili;

13. Illi inoltre ai termini ta' Artikolu 1124A(4), l-attur rikonvenzjonat kellu u għandu d- dover li jeżercita l-irwol tiegħu ta' fiduċjarju b'diligenza ta' bonus paterfamilias, jagħti rendikont dwar il-proprjetà soġġetta għal dawk l-obbligazzjonijiet fiduċjarji, kif ukoll li ma jirċevix xi profitt mhux dikjarat jew mhux awtorizzat mill-kariga jew funzjonijiet tiegħu, obbligi li iżda ma ġewx onorati mill-istess attur;

14. Illi minkejja diversi nterpellazzjonijiet mill-esponenti sabiex l-attur rikonvenzjonat jagħti rendikont sħiħ tat-transazzjonijiet li saru minnu permezz tal-prokura generali, u sabiex jirrestitwixxi l-assi ta' Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu fil-massa ereditarja, huwa baqa' sal- llum inadempjenti;

15. Illi għalhekk, l-esponent ma fadallu l-ebda alternattiva oħra għajr illi jiftħu din il-kawża;

**<u>Raġuni għat-Talbiet</u>**

16. Illi l-attur rikonvenzjonat abbuża mill-irwol tiegħu ta' mandatarju u fiduċjarju ta' ommu d-defunta Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu, u qiegħed jirrifjuta milli jagħti rendikont lill-esponent qua eredi tat-transazzjonijiet kollha li saru minnu fl- ezerċitu tiegħu ta' mandatarju u fiduċjarju permezz tal-prokura ġenerali datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju, tas-sena elfejn u tmintax (2018), fl-atti tan-Nutar Michel Dingli;

huwa għadda biex jitlob lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni oħra li tista' tirriżulta meħtieġa, jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-attur rikonvenzjonat Martin Borg sive Borg Nicolas kien il- mandatarju ta' ommu d-defunta Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu, ai termini ta' Titolu XVIII ta' Taqsima II tal-Kodici Civili (Kap 16) tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll fiduċjarju ta' ommu d-defunta Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu ai termini ta' Artikolu 1124A tal-Kodici Civili (Kap 16) tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi fl-eżekuzzjoni tal-prokura generali, l-attur rikonvenzjonat Martin Borg sive Borg Nicolas naqas milli jaġixxi b'diligenza ta' bonus pater familias qua mandatarju u fiduċjarju ta' Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu kif ukoll naqas milli jagħti rendikont tal-eżekuzzjoni tal-prokura ġenerali lill-eredi tal-istess Margherita Borg, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ligi, inkluż iżda mhux esklussivament tal-Artikolu 1124A, Artikolu 1874 u Artikolu 1875 tal-Kap 16 tal- Liġijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara illi l-attur rikonvenzjonat Martin Borg sive Borg Nicolas huwa responsabbli għal kwalsiasi miżappropjazzjoni u/jew kwalsiasi użu illecitu u/jew mhux awtorizzat illi jirriżulta illi jkun sar da parti tiegħu fl-obbligazzjonijiet tiegħu qua mandatarju u fiduċjarju ta' Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu;

4. Tordna illi l-attur rikonvenzjonat Martin Borg sive Borg Nicolas sabiex jagħti rendikont sħiħ u dettaljat tat-transazzjonijiet li saru minnu mid-data tal-prokura generali, cioe' mit-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, tas-sena elfejn u tmintax (2018) sad-data tat-terminazzjoni tal-inkarigu tiegħu qua mandatarju u fiduċjarju ta' Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu;

5. Tordna r-revoka ta' kwalunkwe trasferiment jew transazzjoni oħra li saret mill- L-attur rikonvenzjonat fl-obbligazzjonijiet tiegħu qua mandatarju u fiducjarju ta' Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu għall-interessi u/jew benefiċċju personali tiegħu, jekk dan ikun jista' isir;

6. Tordna r-rintegrazzjoni, r-restituzzjoni u l-konsenja lura ta' kwalunkwe proprjeta jew assi tad-defunta Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu, illum assi ereditarji, li jkunu gew miżapproprjati u/jew użati jew ittrasferiti mill-attur rikonvenzjonat Martin Borg sive Borg Nicolas bi ksur tal-prokura msemmija u sussegwentement, tordna illi l-attur rikonvenzjonat jirrifondi l-flejjes hekk approprijati indebitament lill-assi ereditarji;

7. Tillikwida d-danni subiti mill-esponent qua eredi ta' Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu, u dan okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi jekk ikun hemm il- ħtieġa, u sussegwentement Tordna u tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat Martin Borg sive Borg Nicolas sabiex iħallas id-danni hekk likwidati bl-iskop li jifformaw parti mill-assi ereditarji tad-defunta Margherita Maria Borg nee' Nicolas Virtu;

8. Teżerċita u Tagħti kull ordni jew provvediment iegor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq ai termini ta' Artikolu 1124A(7) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 1878 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u/jew taħt kull disposizzjoni oħra spettanti mill-Ligi.

Bl-ispejjeż kontra l-attur rikonvenzjonat li huma minnissa nġunti in subizzjoni.

7. Rat illi l-attur ikkontesta r-rikonvenzjoni tal-kjamat fil-kawża Damian Borg b'risposta ġuramentata preżentata fid-19 ta' Settembru 2023[5], li biha huwa qal hekk:

> 1. ILLI Preliminarjament, it-talbiet fil-kontro-talba ta' Lawrence Borg nomine għandhom jiġu michuda bl-spejjeż stante li tali talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi t-talba m'hijiex konnessa mat-talba ta' l-attur kif rikjesta mill-Artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mhix segwita skond l-Artikolu 836(9) tal-Kap. 12;
>
> 2. ILLI l-artikolu 396 tal-Kap 12 jipprovdi li l-konvenut jista jaghmel kontro talba kontra l-attur basta li din il-kontro-talba tkun konessa mat-talba ta' l-attur, meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba ta' l-attur. Fi kliem iehor il-kontro talba torigina ex eodem fonte, ex eodem negotio vel eodem contractu kif sintetikament imma incizament jesponu l-guristi;
>
> 3. ILLI senjatament it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonat jmorru ferm lill hinn mit-talbiet kif dedotti mill-attur rikonvenzjonat li jittrattaw it-traskuragni u l-obbligi u instruzzjonijiet li inghataw lis-socjeta Calamatta Cuschieri rizultanti ta' l-attegjament tardiva taghhom permezz ta' liema l-attur rikonvenzjont soffra danni; li attwalment huwa l-fatt in kwistjoni.
>
> 4. ILLI tajjeb li jintqal li kif gie premess mill-attur rikonvenzjonat, l-process ma Calamatta Cuschieri diga kien beda waqt li Maguerite Borg kienet ghada hajja u fuq instruzzjonijiejt taghha stess;; infatti ma kien hemm ebda bzonn ta' prokura biex Jigi trasferit investiment;
>
> 5. ILLI l-fatt in kwistjoni huma dwar l-involviment ma Calmatta Cuschieri u xejn aktar. Ghalhekk it-tieni, tielet, raba, hames, sitt u seba talba mhumiex gejjin mill-istess fatt anzi jittrattaw allegament transazzjonijiet u premessi li jmur lill hinn mit-talbiet originali tar-rikors promotur;
>
> 6. ILLI l-kontro talba ghalhekk mhux gejja mill-istess fatt kif trid il-ligi biex tkun ammissibbli r- rikonvenzjoni.
>
> 7. ILLI ghalhekk ai finijijet tat-talba ta' l-attur rikonvenzjonat, l-konvenut rikonvenzjonat ma soffra l-ebda danni;
>
> 8. ILLI ghalhekk fuq biss dak l-fuq premess il-kontra talba tal-konvenut rikonvenzjonat ghandu jigi michud stante li jrid ikun hemm rabta diretta mad-domandi tal-attur; "La riconvenzione dicesi eccezzione non in senso stretto ma in

[5] Fol.206.

senso largo inquantocche il convenuto puo opporre in guidizio all'azione contra di lui proposta, non solo la eccezione, ma pure la riconvenzione' cioe domanda que che si deve nello stesso tempo in cui si agisce contro lui e nello stesso giudizio. Vi e riconvenzione semprecche per eccesione ad una domanda principale, si opponga un altra domanda egualmente principale (Vol XI, P.78)

9. ILLI hija car li kemm l-azzjoni attrici kif ukoll l-azzjoni rikonvenzjonali tal-konventi jistghu jissosistu indipendentement minn xulxin.

10. ILLI dan il-fatt jista johrog car meta wiehed jikkonsidra l-fatti li fuqhom huma bbazati l-premessi ghat-talbiet attrici fil-kuntest tal-premessi tal-konvenut ghall-kontro-talba

11. ILLI bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk ghandhom jigi respinti bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvezjonat

12. ILLI f'kull kaz il-konvenut rikonvezjonat ma bata ebda danni

13. ILLI di piu l-kontra -talba hija msejsa fuq l-Artikolu 1878 tal-Kap 16 tal-Ligijijet ta' Malta li jinghad illi l-mandatarju għandu jagħti l-imgħaxijiet tas-somom illi, minghajr is-setgħa tal- mandant, ikun inqeda bihom ghall-uzu tieghu nnifsu, minn dak in-nhar li jkun hekk inqeda bihom, u ta' kull somma ohra li tagħha jkun baqa' debitur lejn il-mandant, minn dak in-nhar li jkun gie mqieghed in mora, bla hsara, fiz-zewg kazijiet hawn fuq imsemmija, tal-uzi tal-kummercjali.

14. ILLI minghajr pregudizzju ghal dak premess l-Artikolu fil-kaz de quo assolutament ma jregix stante li l-kawza hija estranea ghal dak citat fl-Artikolu stante li pjuttost qed jitlob ghal-dak li kienet ix-xewqa t'ommu li ghaliha dja bdew l-proceduri sabiex jippercepixxi l-flus mizmuma minn Calamatta Cuschieri u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza pero stante li lahhqet mietet is-Sinjura Borg li ma gew konkluzi l-ebda transazzjonijiet; u għalhekk zgur li dan l- Artikolu mhuwiex applikabbli ghal kaz de quo;

15. ILLI mankollu L-artikolu 1124A gie mdahhal fil-ligi taghna senjatament sabiex jigu ssalvagwardjati l-interessi ta' persuni jew persuni guridici meta jigru sitwazzjonijiet fejn l- intimat bl-agir dizonest tieghu approprja ghalih innifsu valur li huwa appartenenti lil rikorrenti u dana a detriment tal-istess rikorrenti meta l-intimat kien obbligat skond il-ligi sabiex jipprotegi l-interessi taghha, li certament mhux il-kaz il-kwistjoni fejn pjuttost l-esponenti qieghed jitlob sabiex jigu salvagwardjati x-xewqiet t'ommu u mandakollu jigi konkluz il-process li beda bil-kunsens u skond ir-rieda t'ommu illum defunta.

> 16. ILLI Ma hemmx dubju illi ma kien hemm ebda l-ksur mill-attur rikonvenzjonat u m' ghandu jrodd lura l-ebda proprjetà stante li ma kisibx l-ebda beneficcju, sew direttament sew indirettament, stante li ma kien hemm l-ebda agir ai termini tad-disposizzjoni tal-Artikolu 1124A, anzi pjuttost is-sitwazzjoni kienet kuntrarju fejn s-Sinjura Borg kienet imwerwra mill- konvenut rikonvenzjonat li kien jghajjat magħha u kien bully maghha u dan kif ser jigi ppruvat skond il-kaz;
>
> 17. ILLI ghalhekk il-kontra-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenzjonat

8. Rat illi l-kjamat fil-kawża Andrew Borg, għad li ġie notifikat, baqa' kontumaċi iżda assumiet l-atti f'ismu l-kuratriċi tiegħu l-Avukat Helen Caruana, b'dikriet li ngħata fit-23 ta' Frar 2024;

9. Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2024[6], din il-Qorti ordnat li qabel xejn jiġu trattati u deċiżi l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-attur kontra r-rikonvenzjoni tal-kjamat in kawża Damian Borg, kif ukoll it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-kjamat in kawża Damian Borg u l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta kontra l-azzjoni prinċipali tal-attur;

10. Semgħet ix-xhieda mressqa mill-kontendenti;

11. Rat id-dokumenti prodotti kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

12. Semgħet it-trattazzjoni magħmula mid-difensuri tal-kontendenti;

13. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet;

Ikkunsidrat:

14. Illi din is-sentenza qed tingħata biss dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-attur kontra r-rikonvenzjoni tal-kjamat in kawża Damian Borg, kif ukoll dwar it-

---

[6] Fol.213.

tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-kjamat in kawża Damian Borg u l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta kontra l-azzjoni prinċipali tal-attur.

15. Nibdew billi nqisu it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-kjamat in kawża Damian Borg u l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta kontra l-azzjoni prinċipali tal-attur.

16. Il-fatti rilevanti għal dawn l-eċċezzjonijiet jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

- l-attur u l-kjamati fil-kawża huma aħwa u wlied Marguerite Borg;

- Marguerite Borg kellha numru ta' investimenti fi strumenti finanzjarji diversi[7];

- permezz ta' prokura datata 28 t'April 2018[8], magħmula bix-xiehda tan-Nutar Michel Dingli, hija nnominat bħala mandatarju tagħha lill-attur;

- l-attur jgħid li, fuq struzzjonijiet u xewqat t'ommu, huwa nkariga lis-soċjetà konvenuta sabiex tittrasferixxi l-imsemmija strumenti finanzjarji lilu. Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha tgħid li l-istruzzjonijiet inizjalment kienu biex l-istrumenti finanzjarji li Marguerite Borg kellha f'isimha mal-Borża ta' Malta jinżammu mis-soċjetà konvenuta bħala *nominee* tal-istess Marguerite Borg, liema struzzjonijiet twettqu[9]. Kien sussegwentement li ngħataw struzzjonijiet sabiex dawn l-istess strumenti finanzjarji jiġu trasferiti f'isem l-attur[10], liema struzzjonijiet però ma ġewx aċċettati mis-soċjetà konvenuta sa fejn saru mill-attur bħala mandatarju t'ommu. Is-soċjetà konvenuta tgħid li riedet struzzjonijiet direttament mingħand Marguerite Borg[11];

- dan it-trasferiment baqa' ma sarx sakemm Marguerite Borg mietet fl-20 ta' Lulju 2018[12];

---

[7] Fol.6.
[8] Fol.8.
[9] Ara x-xiehda ta' Michael Galea, a fol.310.
[10] Ara x-xiehda ta' Michael Galea, a fol.311.
[11] Ara x-xiehda ta' Michael Galea, a fol.312.
[12] Fol.85.

- skont testment magħmul fl-atti tan-Nutar Michel Dingli fit-23 ta' Ġunju 2017[13], Marguerite Borg innominat bħala werrieta tagħha lill-attur u lill-kjamati fil-kawża, f'ishma ugwali bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari favur uliedhom u d-dixxendenti tagħhom. Marguerite Borg għamlet testment ieħor fl-atti tal-istess nutar fit-28 ta' Mejju 2018[14], li bih ħalliet prelegat lill-attur oġġetti li ma jinteressawx il-meritu ta' din il-kawża;

- fil-15 ta' Novembru 2018, l-attur ressaq ilment kontra s-soċjetà konvenuta mal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji, liema lment ingħata n-numru 182/2018. Dan l-ilment huwa sostanzjalment l-istess bħal dak imressaq fil-kawża odjerna. B'deċiżjoni mogħtija fis-6 ta' Frar 2019[15], l-Arbitru iddeċieda li ma jieħux qies aktar tal-ilment minħabba nuqqas ta' kompetenza, billi ma rriżultalux li l-attur kien «konsumatur ta' provditur ta' servizzi finanzjarji». Ma jirriżultax li din id-deċiżjoni ġiet appellata[16].

17. Il-Qorti jidhrilha li l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u t-tielet eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża Damian Borg huma l-istess, in kwantu entrambi huma diretti fil-konfront tal-jedd tal-attur li jressaq l-azzjoni tiegħu. Ir-raba' eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża Damian Borg imbagħad tgħid li l-azzjoni tal-attur hija nulla għaliex il-premessi u t-talbiet tagħha huma kunfliġġenti minħabba l-fatt li l-azzjoni hija bażata fuq il-prokura ġenerali mogħtija minn Marguerite Borg filwaqt li t-talbiet qed isiru mill-attur personalment.

18. Il-Qorti jidhrilha li qabel xejn għandha teżamina sewwa l-kontenut tar-rikors ġuramentat tal-attur sabiex tidentifika sewwa il-*causa petendi* li hija dedotta minnu.

19. Għalkemm bla dubju r-rikors ġuramentat tal-attur seta' sar aħjar u b'mod aktar ċar, il-Qorti jidhrilha li huwa biżżejjed ċar li fil-verità kemm il-premessi u kemm

[13] Fol.76.
[14] Fol.96.
[15] Fol.295.
[16] Ara x-xiehda ta' Lydia Ellul, a fol.317.

it-talbiet tal-attur huma lkoll magħmula fl-interess personali tiegħu, u mhux bħala mandatarju. L-ilment tal-attur, fi ftit kliem, huwa li s-soċjetà konvenuta naqset mid-diliġenza mistennija minnha meta ma wettqitx l-istruzzjonijiet mogħtija lilha fl-interess ta' Marguerite Borg, u b'konsegwenza ta' dan, naqas milli jsir it-trasferiment favur tiegħu tal-istrumenti finanzjarji in kwistjoni. Minħabba f'hekk, ikompli jilmenta l-attur, il-patrimonju personali tiegħu ġarrab tnaqqis li għalih taħti s-soċjetà konvenuta.

20. Il-fatt li l-attur kien il-mandatarju ta' ommu huwa inċidentali għall-ilment tiegħu, u mhux tal-essenza jew ċentrali għal dak l-ilment. Kemm hu hekk, l-ilment tal-attur kien jibqa' l-istess anki kieku l-istruzzjonijiet dwar it-trasferiment ġew minn ommu direttament. Għalhekk it-talbiet tiegħu m'humiex bażati fuq il-mandat li jidher li kien ingħata lilu minn ommu. Huma bażati fuq il-fatt li, skont l-attur, is-soċjetà konvenuta ma wettqitx l-istruzzjonijiet li ingħataw minn Marguerite Borg b'mod diliġenti. Hija din il-*causa petendi* tal-azzjoni tal-attur.

21. Il-fatt li dawk l-istruzzjonijiet ingħataw mill-attur f'isem Marguerite Borg ma tikkostitwix għalhekk il-*causa petendi* tal-azzjoni, imma hija ċirkostanza inċidentali għaliha, li jista' jkollha riflessjonijiet fuq il-meritu tal-azzjoni, bħal per eżempju jekk hux minnu li l-attur kellu mandat mingħand ommu u jekk dak il-mandat kienx jinkludi s-setgħa li jagħti struzzjonijiet għat-trasferiment ta' assi.

22. Magħmula dawn l-osservazzjonijiet, nibdew billi nqisu t-tielet eċċezzjoni tal-istess kjamat fil-kawża, kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, li lkoll jikkwerelaw l-interess ġuridiku tal-attur li jressaq l-azzjoni tiegħu.

23. Kif ġie tant drabi miżmum, l-interess ġuridiku huwa wieħed mill-ingredjenti essenzjali sabiex kull azzjoni (ħlief l-azzjoni popolari li hija eċċezzjonali[17]) tista' titressaq quddiem il-Qrati. Interess li jrid mhux biss ikun jeżisti fil-mument li l-azzjoni tiġi dedotta, iżda jrid jissussisti għat-tul tal-proċeduri kollha.

---

[17] Ara f'dan is-sens ***The Rt. Honble. Gerald Lord Strickland, G.C.M.G., LL.B vs. His Honour Sir Harry Luke, Kt., C.M.G., noe*** (Appell Superjuri, 24 ta' Frar 1939 – Kollezz. Vol.XXX.i.317).

24. Skont tagħlim dottrinali li dejjem u konsistentement ġie segwit mill-Qrati Maltin, l-interess ġuridiku fih tliet karatteristiċi li jridu jirriżultaw b'mod kumulattiv. Għalhekk biex l-interess ta' persuna jitqies li huwa «ġuridiku», irid ikun personali, attwali u leġittimu. Dawn it-tliet karatteristiċi ġew imfissrin hekk:

> 54. L'azione presuppone il diritto, che essa è chiamata a tutelare; ma perchè la si eserciti è mestieri che vi si abbia interesse. Indi la massima di giurisprudenza tradizionale "**l'interesse è la misura di azione**" "**point d'interet, point d'action**". Il Codice di procedura civile italiano enuncia questo principio, applicandolo sia all'attore che al convenuto: all'articolo 36 (illum art. 100 c.p.c.) è detto che '**per proporre una domanda in giudizio e per contradirre alla medesima, e' necessario avervi interesse'** …. l'interesse necessario per potere partecipare alla causa in qualità di attore, di convenuto, o di terzo interveniete – deve essere **diretto, legittimo, e attuale.**
>
> 55. È mestieri dapprima che l'interesse sia **diretto, personale**, perchè … niuno è ammesso a stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, o di persona che esso legalmente rappresenta.
>
> 56. L'interesse deve in secondo luogo essere **legittimo**, cioè conforme al diritto di chi sta in causa. L'interesse è cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l'utile è distinto dal giusto; l'azione compete soltanto a tutela dei diritti, l'interesse è la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l'interesse è scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibile; cosi' che, per isituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, danno che non esiste se non è injuria datum, secioè non è prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto.
>
> 57. Per ultimo l'interesse deve essere **attuale,** val quanto dire occorre che esista al momento in cui si propone l'azione. Avvertasi però che l'interesse può essere attuale, sebbene il diritto a cui si riferisce sia soltanto a termine, od anche solo eventuale; imperocchè anche un diritto eventuale può essere leso; e la lesione fa sorgere l'interesse attuale e legittimo ad ottenere la ricognizione del diritto col mezzo di una condanna preventiva, che risolva la contesa presente[18]

[18] ***Mattirolo***, Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano, Vol.I, §§54-57.

25. Fid-deċiżjoni ***Alex Mangion vs. Anthony Cilia Pisani noe*** (Prim'Awla, 20 ta' Mejju 2004) intqal li: «*F'dan il-kuntest, l-interess irid ikun ġuridiku fis-sens li dan l-interess irid ikun rikonoxxut bil-liġi u l-azzjoni trid tkun preordinata għal l-otteniment ta' rimedju protett bil-liġi*». U fid-deċiżjoni ***Anthony Albert Cassar Torreggiani noe vs. Publio Cardona*** (Kummerċ, 21 ta' Mejju 1953)[19] intqal: «*…l-interess hija ħaġa essenzjalment distinta mid-dritt, dak l-interess, però, mhux biss irid ikun dirett u attwali, imma anki leġittimu, jiġifieri konformi għad-dritt ta' min ikun fil-kawża*».

26. Issa kif rajna, l-attur irid jiġi riżarċit għal telf li huwa ġarrab minħabba li s-soċjetà konvenuta naqset milli teżegwixxi l-istruzzjonijiet mogħtija minn ommu (kif diġà ġie mfisser, il-fatt li l-istruzzjonijiet ingħataw minnu f'isem ommu huwa inċidentali). Dan għalhekk ifisser li n-nuqqas li jikkostitwixxi l-għajn tal-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-attur huwa inadempjenza ta' istituzzjoni finanzjarja fit-twettiq ta' struzzjonijiet mogħtija lilha minn klijenta tagħha. Inadempjenza din li però tvesti bi dritt t'azzjoni lill-klijenta, u mhux lill-benefiċċjarju ta' dawk l-istruzzjonijiet, li fil-konfront tiegħu dawk l-istruzzjonijiet huma *res inter alios acta*.

27. Huwa sewwa miżmum li: «*L'interesse dell'attore ad iniziare il giudizio è quasi sempre provocato dalla violazione o dal disconoscimento del suo diritto. La violazione consiste negli atti, che sono direttamente contrari al diritto, alla sua esecuzione; il disconoscimento, in quegli atti, che sebbene direttamente non violino il diritto, tuttavia lo revocano in dubbio, e costituiscono cosi una* turbativa civile»[20]. ***Mortara*** ifisser dan l-aspett tal-interess ġuridiku kif ġej:

> L'interesse ad agire o difendersi è dunque un interesse *giuridico*; vale a dire, non può consistere nel semplice godimento altruistico e tutto intellettuale di procurare la ripristinazione dell'impero di una norma giuridica violata; ma deve concretarsi anzitutto nella possibilità che chi agisca sia il soggetto del diritto che mediante la decisione della controversia vuole riconosciuto.[21]

[19] Kollezz. Vol.XXXVII.iii.889.
[20] ***Mattirolo***, op cit, §60.
[21] Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile (Seconda Edizione), Vol.I, §461.

28. Huwa għalhekk evidenti li għall-integrazzjoni tal-interess ġuridiku neċessarju sabiex persuna tressaq u tkompli kawża quddiem il-Qrati huwa meħtieġ li d-dritt li għall-preservazzjoni tiegħu tkun tressqet dik il-kawża jkun tassew jappartjeni lilha. Fi kliem ieħor, ħadd m'għandu l-interess meħtieġ sabiex iressaq kawża dwar vjolazzjoni ta' dritt ta' ħaddieħor.

29. F'dan is-sens ukoll hija l-ġurisprudenza lokali. Fid-deċiżjoni ***Giuseppe Camilleri et vs. Giuseppe Sammut et*** (Prim'Awla, 7 ta' Jannar 1953)[22] intqal: «*Dan l-interess għandu karattru personali, jiġifieri l-vjolazzjonijiet biss għad-drittijiet li jappartjenu lill-attur jawtorizzawh li jeżerċita l-azzjoni*». Imbagħad fid-deċiżjoni ***Dottor Vincent Tabone et. ne. vs. Onor. Domenico Mintoff, B.Sc., A. & C.E., M.A. (Oxon), ne. et*** (Appell Superjuri, 7 ta' Jannar 1957)[23] ġie osservat li: «…*l-interess ġuridiku jrid ikun definit, konkret, personali, u għalhekk bażat fuq dritt soġġettiv li attwalment min jaġixxi jkollu bżonn tat-tutela ġudizzjarja tiegħu*».

30. La darba kif rajna il-*causa petendi* tal-azzjoni tal-attur hija l-ksur tal-obbligazzjoni tas-soċjetà konvenuta li twettaq l-istruzzjonijiet mogħtija mill-klijenta tagħha, għandu jsegwi li għandhom raġun is-soċjetà konvenuta u l-kjamat fil-kawża Damian Borg meta jgħidu li l-attur m'għandux l-interess ġuridiku meħtieġ biex iressaq din l-azzjoni, għaliex hija biss il-klijenta li għandha l-jedd illi tressaq azzjoni ġudizzjarja dwar il-ksur tal-obbligazzjonijiet tas-soċjetà konvenuta.

31. Iżda waqt is-sottomissjonijiet orali li l-Qorti semgħet dwar dawn l-eċċezzjonijiet, id-difensur tal-attur irrilevat li l-attur huwa wieħed mill-werrieta tal-klijenta tas-soċjetà konvenuta, u għalhekk huwa vestit bl-istess drittijiet t'azzjoni li kellha hi.

32. Dan huwa minnu. Ma jfissirx iżda li l-attur jista' juża interess ġuridiku marbut intimament mal-<u>beni tal-wirt t'ommu</u> – u li intirtu wkoll mill-kjamati in kawża – sabiex jikseb reintegrazzjoni tal-patrimonju <u>personali</u> tiegħu. Il-Qorti hija tal-

[22] Kollezz. Vol.XXXVII.ii.605.
[23] Kollezz. Vol.XLI.i.1.

fehma li l-interess ġuridiku jissussisti fejn ikun hemm konformità, mhux difformità, bejn ir-rimedju mfittex – li jikkostitwixxi «*la utilità finale della domanda giudiziale sul tema della asserita esistenza e violazione di un diritto*» - u l-jedd li dwaru saret l-azzjoni, ċjoè il-*causa petendi* tagħha.

33. Fi kliem ieħor, l-attur ma jistax iressaq azzjoni għar-riżarċiment ta' telf imġarrab mill-patrimonju personali tiegħu abbażi ta' dritt li m'huwiex ta' dak l-istess patrimonju. Kien ikun mod'ieħor kieku l-attur qed jitlob danni li ġarrbet ommu stess minħabba l-inadempjenza tas-soċjetà konvenuta – f'dak il-każ, l-azzjoni kienet tkun saret korrettement, għalkemm l-attur kien ikollu biss jedd għal terz minn dak ir-riżarċiment. Iżda huwa ċar mir-rikors ġuramentat li l-attur irid li jkun riżarċit għaliex skontu, s-soċjetà konvenuta telfitu l-benefiċċju tal-gratuwitu li ommu kienet beħsiebha tgħaddilu. Riżarċiment dan li m'għandu x'jaqsam xejn mal-eredità ta' Marguerite Borg. **Kemm hu veru, bil-fatt li l-istruzzjonijiet li l-attur jgħid li inghataw minn Marguerite Borg ma ġewx segwiti, <u>il-patrimonju tagħha ma ġarrab ebda telf</u>; anzi, dak il-patrimonju ġie konservat. Huwa biss il-patrimonju personali tal-attur li ma kisibx il-benefiċċju ta' dak it-trasferiment**.

34. Għalhekk fil-kuntest tar-relazzjoni ta' Marguerite Borg u s-soċjetà konvenuta – li hija bażata fuq mandat – hija biss Marguerite Borg li tista' tilmenta dwar il-mod kif is-soċjetà konvenuta mxiet; jew inkella l-werrieta tagħha, iżda biss sa fejn dan jolqot il-patrimonju ta' Marguerite Borg, u **<u>mhux dak personali tagħhom</u>**.

35. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u t-tielet eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża Damian Borg sejrin jintlaqgħu, u l-Qorti ma tqisx li huwa neċessarju li tiddeċiedi wkoll dwar ir-raba' eċċezzjoni tal-imsemmi kjamat fil-kawża.

Ikkunsidrat:

36. Niġu issa għall-eċċezzjonijiet tal-attur kontra r-rikonvenzjoni tal-kjamat in kawża Borg.

37. Dawn l-eċċezzjonijiet huma, fis-sostanza tagħhom, identiċi, billi jgħidu li r-rikonvenzjoni tal-konvenut Damian Borg mhux konnessa mal-azzjoni prinċipali kif irid l-artikolu 396 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

38. L-artikolu 396 jgħid hekk:

> Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:
>
> (a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew
> (b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha.

39. M'hemmx dubju li r-rikonvenzjoni ma saritx biex iġġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur, u għalhekk il-ġustifikazzjoni tagħha trid tinstab fil-paragrafu (a) tal-artikolu 396. Dan l-element ġie eżaminat f'dettall fid-deċiżjoni ***Negoziante Luigi Spiteri Debono nomine vs. Negoziante Charles Darmanin nomine*** (Appell Superjuri, 25 t'April 1930)[24] fejn ġie mgħallem dan li ġej:

> Che è uopo, quindi, procedere all'esame degli estremi richiesti per la continenza giusta il succitato articolo 417[25], che consistono nella (1) comunanza di origine delle due cause ovvero (2) nella eliminazione reciproca delle due domande.
>
> Vi è comunanza di origine quando le due domande emanano dallo stesso fatto, o dallo stesso contratto o titolo … Quantunque il legislatore, trattandosi della procedura speciale della riconvenzione, abbia voluto, ad imitazione di altri Codici come l'Italiano, restringere i casi in cui si possa agire per riconvenzione ed in cui, di conseguenza, nasce la continenza, a differenza, come sopra si è detto, della connessione, che è più generale, pure è stato anche largo nel dettare gli elementi costitutivi della riconvenzione. Cosi mentre il Codice di Procedura Civile Italiano all'articolo 100, inciso terzo, contempla la riconvenzione nel caso che la seconda domando dipenda dal "titolo" dedotto in giudizio dall'attore, o dal "titolo" che già appartiene alla causa

[24] Kollezz. Vol.XVII.i.886.
[25] Illum l-artikolu 396.

> principale come mezzo di eccezione, il patrio legislatore enumera tre fonti d'origine, e cioè il contratto, il titolo e il fatto. Conseguentemente la domanda riconvenzionale può sorgere dalla stessa convenzione ovvero dal rapporto giuridico personale donde nasce la domanda dell'attore, - oppure dallo stesso "titolo", che è voce assai più estesa del "contratto" ovvero "convenzione", - oppure dal medesimo "fatto", che consiste nel complesso della operazione che diede causa al rapport giuridico. "Il fatto e la manifestazione esteriore delle facoltà intellettuali e volitive dell'uomo, e come tale può formare causa di obbligazione" (Digesto Italiano, Voce "Fatto" (Diritto Civile), Vol.XI, pag. 548) – e nel senso procedurale "fatto" significa anche il "complesso di tutte le circostanze che hanno dato causa e formano l'oggetto di una lite" (Dig. It., l.c., p.549 – Procedura Civile).

40. Issa din il-Qorti iktar qabel f'din is-sentenza diġà eżaminat fid-dettall x'inhi l-bażi tal-azzjoni tal-attur. Din hija n-nuqqas tas-soċjetà konvenuta li twettaq l-istruzzjonijiet tal-klijenta tagħha. Min-naħa l-oħra, ir-rikonvenzjoni tal-kjamat fil-kawża hija dwar il-prokura li l-attur kellu mingħand Marguerite Borg.

41. Ma jistax jingħad illi r-rikonvenzjoni ġejja mill-istess «kuntratt» jew «titolu» li minnhom ġejja l-azzjoni prinċipali. Il-«kuntratt» jew «titolu» li jikkostitwixxu l-meritu tal-azzjoni prinċipali huma r-relazzjoni ġuridika bejn Marguerite Borg u s-soċjetà konvenuta, li fil-kuntest tagħha ingħataw l-istruzzjonijiet li skont l-attur ma ġewx eżegwiti.

42. Lanqas ma jista' jingħad li r-rikonvenzjoni hija ġejja mill-istess «fatt». Il-«fatt» li fuqu hija bbażata r-rikonvenzjoni huwa l-mandat mogħti lill-attur minn Marguerite Borg, u proprju għalhekk il-kjamat fil-kawża jrid li l-attur jagħti rendikont tal-amministrazzjoni tiegħu u jwieġeb għall-konsegwenzi tan-nuqqas ta' diliġenza fl-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat. Min-naħa l-oħra, l-azzjoni prinċipali hija bażata fuq «fatt» ieħor, u ċjoè l-«fatt» illi s-soċjetà konvenuta ma wettqitx l-istruzzjonijiet tal-klijenta tagħha. Kif diġà ingħad, il-prokura fil-kuntest tal-azzjoni prinċipali hija purament inċidentali, u ma tikkostitwix il-«fatt» li minnu ġejja dik l-azzjoni. Kif intqal fid-deċiżjoni ***Airmalta plc vs. Lawrence Borg et*** (Prim'Awla, 30 ta' Ġunju 2004): «*Huwa stabilit li b'"fatt" wieħed jifhem dik il-ġabra ta' operazzjonijiet jew negozji li nisslet ir-rabta ġuridika*». Ir-rabta ġuridika li dwarha

saret l-azzjoni prinċipali hija dik bejn omm l-attur u s-soċjetà konvenuta, u mhux dik bejn l-attur u ommu.

43. Fid-deċiżjoni ***Gheiti and Sons Limited vs. Perit Arkitett Colin Zammit*** (Prim'Awla, 19 ta' Mejju 2011) insibu li ġiet dikjarata nulla rikonvenzjoni għaliex ma kinitx bażata fuq l-istess «fatt» li fuqu kienet saret l-azzjoni prinċipali. Dan meta l-azzjoni prinċipali saret sabiex tiġi ridotta ipoteka speċjali iskritta mill-konvenut b'rabta ma' kreditu tiegħu. Il-konvenut ressaq rikonvenzjoni biex jiġi kanonizzat il-kreditu li dwaru saret l-ipoteka. Ġie kkunsidrat kif ġej:

> Lanqas jista' jingħad li l-kontrotalba tal-konvenut temana mill-istess fatt. Il-fonti tat-talba attriċi hi l-ipoteka speċjali reġistrata mill-konvenut ai termini tal-liġi biex jissalvagwarda l-interessi tiegħu għal allegat kreditu pretiż minnu għal servizzi professjonali reżi lis-soċjetà attriċi. Invece l-fonti tal-kontrotalba hu l-kreditu nnifsu li mhux mittiefes mis-soċjetà attrici fit-talba tagħha in kwantu mhux qed jiġi attakkat il-kreditu f'din l-istanza iżda biss l-ipoteka speċjali reġistrata għal ammont speċifiku u l-irbit ta' proprjetà tas-soċjetà attriċi li tisboq l-ammont pretiż b'ammonti sostanzjalment aktar minn dak pretiż. Ma hemm ebda komplimentarjeta bejn iż-żewġ talbiet kif titlob il-liġi u kwindi l-kontrotalba tal-konvenut ma tistax tissusisti f'din il-vertenza.

44. Imbagħad fid-deċiżjoni ***John Cutajar vs. Carmelo Farrugia*** (Prim'Awla, 7 ta' Diċembru 1987)[26] ingħad li rikonvenzjoni b'talbiet għal danni konsegwenzjali għal tħassir t'għerusija ma kinitx bażata fuq l-istess «fatt» tal-azzjoni prinċipali, li saret minn missier l-għarusa kontra l-għarus għall-ħlas t'appalt. Għad illi l-għerusija tal-konvenut ma' bint l-attur kien jifforma parti mill-meritu tal-azzjoni prinċipali (għaliex il-konvenut sostna li x-xogħol sar gratwitament minħabba l-għerusija) jibqa' l-każ li r-rikonvenzjoni ma kinitx dwar l-istess «fatt» kif mifhum fil-ġurisprudenza tagħna.

45. Anki fil-każ odjern il-Qorti jidhrilha li l-prokura li tissemma b'mod inċidentali fir-rikors ġuramentat ma tikkostitwix il-«fatt» li fuqha hija bbażata dik l-azzjoni, u

[26] Kollezz. Vol.LXXI.iii.736.

għalhekk rikonvenzjoni li hija bażata esklussivament fuq dak il-«fatt» ma tistax issib fondament taħt l-artikolu 396(a) tal-Kodiċi ritwali.

46. Għalhekk dawn l-eċċezzjonijiet tal-attur qed jitqiesu fondati.

47. Għal dawn ir-raġunijiet kollha il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u t-tielet eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża Damian Borg;

(ii) ma tqisx aktar it-talbiet tal-attur;

(iii) tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-attur kontra r-rikonvenzjoni tal-kjamat fil-kawża Damian Borg;

(iv) tiddikjara nulla l-istess rikonvenzjoni u għalhekk ma tqisix aktar;

(v) tordna li l-attur ibati l-ispejjeż kollha konnessi mal-azzjoni prinċipali filwaqt li l-kjamat fil-kawża Damian Borg ibati l-ispejjeż kollha konnessi mar-rikonvenzjoni.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur